MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Talba Numru. 197/2013

**The General Soft Drinks Company Limited (C-1591)**

**Vs**

**Roberto Loporto (K.I. 501173M) u**

**s-socjeta' New Zero Six Trading Limited (C-37988)**

**solidament bejniethom**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenuti ghandhom ihallsu s-somma ta' elfejn erba' mija u hmistax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2415.23), prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lilhom u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat Dok 1.

Bl-imghaxijiet mis-6 ta' Mejju, 2011 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqgha ma pprezenta l-ebda risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal. It-Tribunal ra wkoll li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-7 ta' April, 2014 mill-avukat Dott Louis Thompson w l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u hmistax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2415.23) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mis-06 ta' Mejju, 2011, skont it-talba tas-Socjeta' attrici, sad-data tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------